

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**NRU 148/2016**

**tat-8 ta' Lulju 2016**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE  
[2018/370]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu, Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/266 tas-7 ta’ Diċembru 2015 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku, ir-Regolament (KE) Nru 440/2008 li jistabbilixxi metodi ta’ ttestjar skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ Sustanzi Kimiċi (REACH) (<sup>(1)</sup>) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 12zza (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/2008) tal-Kapitolo XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

“— **32016 R 0266:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/266 tas-7 ta’ Diċembru 2015 (ĠU L 54, 1.3.2016, p. 1).”

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) 2016/266 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta’ Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-TaqSIMA taż-ŻEE ta’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta’ Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Bergdís ELLERTSDÓTTIR*

<sup>(1)</sup> ĠU L 54, 1.3.2016, p. 1.

<sup>(\*)</sup> Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonal.